# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum it-23 ta' Ġunju, 2020**

Appell numru 205 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Gianluca CARABOTT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-5 ta' Lulju 2019 fil-konfront ta' Gianluca CARABOTT, karta tal-identità bin-numru 0299995(M) li ġie mixli:

   Talli nhar it-8 ta' Jannar 2019 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) waqt li kont fi Triq Anton Buttiġieġ il-Ħamrun:

   1. Ikkommetta serq għad-dannu tal-Public Broadcasting Services u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil- 'valur', liema valur jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda huwa anaqas minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,392.37);

> Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-pienaskond il-liġi, tordna lill-umputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mall-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

> Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Generali a tenur tal-Artiolu 370(4) tal-Kapitolu 9 sabiex dawn il-proċeduri jigu trattati bil-proċedura sommarja;
>
> Semgħet ix-xhieda tal-Ispettur Matthew Galea, P.S. 1236 Joseph Gatt, James Cutajar, Clifton Camilleri u Edmond Friggieri, prodotti bħala xiehda mill-Prosekuzzjoni;
>
> Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;
>
> Rat illi l-imputat iddikjara li ma għandux provi x'iressaq;
>
> Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża;
>
> Rat l-atti kollha;
>
> Rat illi l-kawża giet imhollija għal-lum għas-sentenza;
>
> Ikkunsidrat;
>
> **Fatti**
>
> Il-fatti tal-każ hekk kif jirrizultaw mill-atti proċesswali huma s-segwenti:
>
> Fid-9 ta' Jannar 2019 fi-għodu, tliet ħaddiema tal-Public Broadcasting Services Limited, James Cutajar, Marco Farrugia u Clifton Camilleri, marru jinstallaw xi apparat tekniku fil-Knisja ta' San Gaetano, il-Hamrun, ipparkjaw il-vann tax-xogħol fit-triq mal-ġenb tal-Knisja u fost għodda oħra ħarġu mill-vann Triax Cable li kellu jintuża fl-installazzjoni.
>
> Dan il-cable tqiegħed minn Clifton Camilleri fit-triq taht il-bankina vicin il-bieb tal-ġenb tal-Knisja minn fejn daħlu l-impjegati msemmija,

u dan sabiex jintuża minn James Cutajar li dak il-ħin mar iqabbad l-extension ma' plakka fil-Knisja.

Il-cable tqiegħed fit-triq ċirka ħames jew sitt metri 'l bogħod minn fejn kien ipparkjat il-vann.

Fil-waqt illi Clifton Camilleri u Marco Farrugia telgħu fuq il-bejt tal-Knisja b'xi għodda oħra sabiex jibdew jarmaw l-apparat, James Camilleri qabbad extension ma' plakka gewwa l-Knisja u hekk kif ħareg mill-Knisja biex ifittex il-cable, ma sabux fejn l-impjegati l-oħra qalulu li hallewh.

Jirriżulta illi waqt illi James Cutajar kien fil-Knisja qed iqabbad l-extension u sakemm ħareġ mill-bieb tal-Knisja biex jiġbor il-cable li kien tpoġġa fit-triq, dan il-cable ittieħed minn postu.

Fit-testimonjanza tagħhom, James Cutajar u Clifton Camilleri xehdu illi ftit wara l-għajbien tal-cable, huma ntwerew filmat mehud minn fuq CCTV camera ta' waħda mir-residenzi gewwa t-triq in kwistjoni, f'liema filmat dehret persuna tieqaf bil-vann TAZ-008, tieħu l-cable u titlaq immedjatament qabel ħareġ James Cutajar mill-bieb tal-Knisja proprju biex jiġbor dan l-istess cable mill-post fejn qalulu l-kollegi tiegħu li kienu ħallewh.

Il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni TAZ-008 giet identifikata bħala l-vettura tal-imputat minn dan il-filmat li ntwera lix-xiehda fuq imsemmija, liema persuni għamlu rapport lill-Pulizija dwar is-serq tal-cable.

L-imputat meta ġie identifikat u ntalab imur l-Għassa tal-Pulizija, qal illi huwa l-cable rah fit-triq, haseb li xi ħadd ħallih warajh, ġabru u kien fi ħsiebu jgħaddih lill-Għassa tal-Pulizija iżda sakemm bagħtu għalih il-Pulizija kien għadu ma sabx ħin biex jagħmel dan. Hekk kif ġie mitlub sabiex jgħaddi dan il-cable lill-Pulizija huwa ħadu mill-ewwel, l-għada li gie mitkellem mill-Pulizija, fil-11 ta' Jannar 2019 u dan gie ritornat lura dakinhar stess lill-proprjetarju Public Broadcasting Services Limited.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li huwa kien għaddej bil-vettura tiegħu, ra l-cable fit-triq mingħajr ma kien hemm ħadd miegħu, aċċerta ruhu li ma kien hemm ħadd li kien mal-cable, niżel mill-vettura tiegħu, ħa l-cable u għabbih fil-vann tiegħu, u telaq minn fuq il-post. Huwa qal li ried jirritornah lil sidu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**

L-imputat qed jigi mixli bir-reat ta' serq tal-cable in kwistjoni.

Huwa fatt ben magħruf illi l-legislatur naqas milli jipprovdi definizzjoni tar-reat ta' serq fil-Kodici Kriminali. Huwa risaput ukoll illi l-qrati tagħha dejjem għamlu referenza għall-insenjament ta' ġuristi legali sabiex jisiltu definizzjoni ta' dan ir-reat u tal-elementi kostituttivi tiegħu, liema reat huwa mfisser mil-Kodici Penali Taljan bħala "*la contrattazzione doloza di cosa altrui fatta invito domine con l' animo di farne lucro*".

Id-difiza waqt it-trattazzjoni sottomettiet illi l-imputat ma jistax jinsab ħati ta' serq għaliex huwa nieqes wieħed mill-elementi kostituttivi ta' serq, cioe` l-element tal-"*contrattazione*" ossia "*contrectatio*". Skont id-difiża, dan l-element huwa mankanti għaliex ir-romblu tal-cable kien mitluq fit-triq distanza sinjifikanti mill-post fejn kien gie pparkjat il-vann tal-ħaddiema li allegatament poġġewh hemmhekk, mingħajr ebda indikazzjoni li dan il-cable jappartjeni lil xi ħadd.

Kif inhuwa risaput, illi l-Qrati tagħna jiffavorixxu - u ormai huwa effettivament assodat fil-ġurisprudenza in materja - it-tagħlim tal-Carrara in propositu tad-definizzjoni tal-*contrectatio*. Il-Carrara jħaddan it-teorija stretta tal-*amotio* li jekwipara l-*contrectatio* mas-**sempliċi caqlieq tal-oġġett mill-post li jkun fih, b'mod illi r-reat tas-serq ikun komplut hekk kif ikun hemm it-tehid tal-oġġett ta' ħaddiehor mill-imputat, bl-intenzjoni li jisirqu.**

Skont l-interpretazzjoni tal-Carrara tal-element tal-*contrectatio*, hekk kif ġiet rikonoxxuta wkoll statutorjament fil-liġi Ingliza:-

"*… the theft is complete so soon as the thief has laid hands on the thing which he intended to steal and has removed it with such intent from the place where the owner had put it.*"

Fil-fatt il-Professur Mamo fin-noti tiegħu, jiddefinixxi hekk dan l-element:-

"*This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt.*"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Grech** deċiża fil-31 ta' Lulju 2008, irrapportat illi fir-rigward tal-*contrectatio*:-

*"… jkun hemm dan l-element malli l-oġġett ikun ittieħed mill-post fejn ikun tħalla minn sidu w konsegwentement mhux meħtieg li l-oġġett ikun tneħħa mill-kamra jew mid-dar tas-sid."*

Ikkunsidrat;

B'referenza għad-difiza tal-imputat u l-enfasi li saret waqt it-trattazzjoni għan-nuqqas tal-element tal-*contrectatio* u kwindi tas-serq, għaliex l-imputat allegatament ħaseb li l-cable kien mitluq mingħajr indikazzjoni li kien ta' xi ħadd, il-Qorti tirrikonoxxi, kif del resto huwa risaput, illi sabiex jista' jkun hemm it-tehid ta' oġġett u kwindi sabiex jissussisti l-element tal-*contrectatio* kif ukoll l-element formali tad-*dolo*, l-oġġett tat-teħid irid ikun *res aliena*, cioe` xi ħaga li tappartjeni lil ħaddiehor u stabbilit dan, hija biżżejjed il-prova illi l-persuna li tkun ħadet l-oġġett ma kellha l-ebda jedd fuq l-oġġett.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Danrof Vella** ingħad li l-principju ġenerali f'kaz ta' allegat serq, hu li sakemm miċ-ċirkostanzi jirrizulta manifestament li l-oġġett in kwistjoni ma hux *res nullius* u lanqas *res derelicta*, hemm d-delitt ta' serq. Fi kliem il-Professur Mamo:-

*"The thing, the subject matter of the theft must be a res aliena, that is a thing which belongs to some other possessor at the time of the taking. ... It is sufficient for the crime of theft that the person taking it away had no right thereto. ... The rule that the thing must be in possession of others implies that there cannot be a theft of a res nullius or of a res derelicta. ... An article that has an owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft".*

Illi in propositu ta' oġġetti illi jitqiesu li huma *res nullius* u *res derelicta*, il-ġurista Antolisei jgħallem li:-

*"Le cose che erano gia` di proprieta di taluno divengono nullius quando siano abbandonate (res derelictae) e cioe' quando il proprietario se ne spoglia con l'intenzione di rinunciare al proprio dominio. Tali sono ad esempio le cose gettate nella pattumeria e percio` chi se ne appropria non commette furto. Con le cose abbandonate non vanno confuse le cose smarrite."*

Il-Qorti għalhekk trid tiddetermina, qabel xejn, jekk verament il-cable li ħallew il-ħaddiema in kwistjoni fit-triq jistax raġjonevolment jitqies bħala *res aliena* b'mod illi f'kaz negattiv, ikun mankanti fil-każ odjern l-element tal-*contrectatio* u l-element formali tar-reat ta' serq fl-imputat.

Ikkunsidrat;

Il-verżjoni tal-imputat kif toħrog mill-istqarrija tiegħu lill-Pulizija hija illi huwa kien tiela' bil-vann tiegħu maġenb il-knisja u lemaħ cable mitluq fit-triq bejn zewg karozzi. Spjega illi peress li ma setax jara sew kienx hemm xi ħadd mal-cable, huwa reġa' dar għall-istess triq u meta ma ra lil ħadd mal-cable, waqaf u niżel mill-vann biex jiġbru. L-imputat qal li l-ħsieb tiegħu kien illi kif isib il-ħin, jieħu l-cable ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ida huwa ttraskura u ma ħadux.

Għalkemm l-imputat jgħid illi l-cable fil-fehma tiegħu ħallih xi ħadd warajh, il-provi juru illi effettivament il-cable ma kienx mitluq. Jirriżulta illi dan kien tqiegħed fit-triq **ftit metri biss 'il bogħod mill-vann tal-ħaddiema** li kienu qed jaħdmu fil-Knisja u li kienu poġġewh fit-triq. Jirriżulta wkoll illi l-cable tqiegħed f'dak il-post partikolari **proprju għaliex kien eżatt fejn il-bieb tal-istess Knisja fejn kienu qegħdin jaħdmu**.

Fir-rigward, James Cutajar xehed illi l-vann kien ipparkjat madwar ħames jew sitt metri 'l bogħod mill-knisja quddiem garaxx, iżda l-cable tpoġġa eżatt fejn il-bieb tal-ġenb tal-Knisja. Qal ukoll illi l-cable tant ittieħed *"fi ftit sekondi għax jiena sakemm dħalt ġewwa inqabbad id-dawl"*, illi huwa ħaseb li *"ħareg xi ħadd minn go dar u ħadu l-cable.* Sostna dan billi qal illi meta ra l-filmat tal-inċident, huwa deher ħiereġ minn ġol-Knisja eżatt kif il-persuna ħadet il-cable u telqet. Dan ix-xhud fisser ukoll illi l-cable tpoġġa fit-triq bejn il-karozzi li kienu pparkjati quddiem il-bieb tal-ġenb tal-knisja għaliex kien minn hemmhekk li kien ser jintrama l-apparat.

Clifton Camilleri xehed illi kien hu li niżżel il-cable minn ġol-vann u wara illi ħallih taħt il-bankina fi spazju ta' karozza taħt il-bejt tal-Knisja, huwa tela' fuq il-bejt tal-Knisja biex jarma l-apparat. Ix-xhud fisser illi b'dan il-mod huwa jkun jista', minn fuq il-bejt, jiftaħ il-ħabel biex min ikun isfel, jorbot it-tarf u hu jerfagħha fuq il-bejt. Qal ukoll illi sadanittant, James Cutajar baqa' isfel fil-Knisja biex iqabbad extension ġo plakka iżda meta reġa' ħareġ mill-bieb tal-Knisja, il-cable ma nstabx. Mistoqsi kemm dam waħdu l-cable, ix-xhud wiegeb illi dam waħdu *"ftit sekondi għax kemm daħal (James Cutajar) iqabbad extension … isfel."*

Ikkunsidrat;

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Camilleri** deċiża fl-20 ta' Settembru 1996 fejn ġie ritenut illi:-

*"Hu paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li minn isib oġġett f'post pubbliku f'cirkostanzi li wieħed jista jifhem li ma kienux mitlufa, abbandunati jew li ma kienu ta' ħadd u jippriva ruħu minnhom, dak li jkun, qed jikkommetti serq."*

Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ kif stabbiliti mix-xhieda, u mizmum ferm l-insenjament fuq riprodott, il-Qorti hija konvinta li l-imputat ma setax raġjonevolment jasal għall-konklużjoni li l-cable li kien hemm fit-triq fejn il-bieb tal-Knisja kien mitluf u lanqas li kien mitluq. Mhux talli ma jirriżulta minn imkien illi dan il-cable kien mitluq jew abbandunat, talli mill-provi huwa stabbilit illi dan kien qiegħed jintuża biex jintrama apparat fil-Knisja. Għall-Qorti mhux aċċettabbli l-argument illi nuqqas momentarju ta' supervizjoni tal-oġġett da parti tas-sid, ixejjen l-elementi tar-reat b'mod li l-oġġett jista' jittieħed liberament minn ħaddiehor. Konformement, fil-ftit sekondi li jirriżulta li dam waħdu fit-triq, il-Qorti tqis illi huwa inkonċepibbli li dan il-cable seta' raġjonevolment jitqies bħala *res derelicata* jew li ma jappartjeni lil ħadd jew li huwa mitluf. Dawn il-kunċetti legali huma inapplikabbli fil-fattispecie tal-każ odjern.

In propositu, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Gunju 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Edgar Attard** fejn ġie deċiż li:-

*"F'każ t'allegat serq, anke meta s-sid ma jkunx magħruf, sakemm miċ-ċirkostanzi jirriżulta manifestament li l-oġġett in kwistjoni ma hux res nullius u lanqas res derelicta, xorta hemm d-delitt ta' serq. "*

Ikkunsidrat;

Kif ingħad, l-imputat fl-istqarrija tiegħu qal illi huwa ġenwinament emmen li l-oġġett li qed tieħu pussess tiegħu kien gie mitluf u l-intenzjoni tiegħu kienet illi jirraporta s-sejbien tal-cable lill-Pulizija biex jiġi ritornat lil sidu. Iżda waqt it-trattazzjoni, id-difiża ssottomettiet illi l-imputat seta' raġjonevolment iqis li l-cable ma kien jappartjeni lil ħadd. Minn dan il-Qorti fehmet illi qed jiġi allegat ukoll in-nuqqas tal-element formali tar-reat ta' serq. Fir-rigward, il-Professur **Anthony Mamo** jgħid:

*"Any honest mistake will negative this ingredient [that the contrectatio must be fraudulent] as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own."*

Iżda, naturalment, sabiex il-Qorti tista' tasal għall-konklużjoni li kien hemm zball jew hsieb li huwa wieħed ġenwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-iżball jew dak il-ħsieb kien wieħed raġjonevoli fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Wara li fliet il-provi, il-Qorti għalkemm temmen illi l-imputat niżel mill-vettura tiegħu biex jieħu l-cable għaliex rah waħdu, ma hija xejn konvinta illi huwa ġabru għaliex emmen verament li ma kien ta' ħadd, u lanqas temmen illi huwa ġabar il-cable bil-ħsieb li jassigura li dan l-oġġett jigi ritornat lil sidu. Kieku mqar stenna ftit, anke billi ħabbat fuq il-bieb ta' fond viċin u staqsa dwar il-cable, kien bla dubju jsir jaf minnufih illi l-cable kien għadu kif tqiegħed fit-triq sakemm James Cutajar daħal fil-Knisja biex iqabbad extension ma' plakka u li ma kienx mitluf jew abbandunat. Iżda l-imputat mhux biss ma ħax dawn il-prekawzjonijiet bażiċi qabel assuma li l-cable kien ħallih xi ħadd warajh, talli fil-fehma tal-Qorti agixxa b'*animus furandi* meta jirriżulta illi l-proċess tat-teħid tal-cable sar f'temp ta' ftit sekondi biss, kif del resto xehdu wkoll ix-xiehda li raw il-filmat mill-camera tar-residenza viċina, li qalu li dehret persuna tieqaf, tieħu l-cable u titlaq minnufih.

Għalkemm huwa minnu wkoll illi l-cable ittiehed fl-apert minn triq pubblika, fil-fehma tal-Qorti u meħud qies taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan mhuwiex biżżejjed biex ixejjen fil-każ odjern l-element doluż.

Il-Qorti lanqas hija konvinta illi l-imputat kien fi ħsiebu meta ġabar il-cable mit-triq, li jiehdu l-Għassa, u dan għaliex apparti seta' jibqa' sejjer bih l-Għassa dak il-hin u seta' anke jirrapporta s-sejbien tal-cable permezz ta' telefonata, huwa ma għamel xejn minn dan. Tant hu hekk illi meta gie interrogat in konnessjoni ma' din is-serqa, l-imputat kien taht l-impressjoni illi l-cable kien ilu għandu fil-vann "*bejn ġimgħa u ħmistax*", għalkemm fil-verita` kien għadu kif ħadu inqas minn jumejn qabel. Dan fil-fehma tal-Qorti jiċħad il-verżjoni tal-imputat li huwa ġabar il-cable minn ġot-triq bil-ħsieb li dan jiġi ritornat għand sidu.

Il-Qorti lanqas tista' tinjora l-kontradizzjoni inerenti bejn il-verżjoni li ta l-imputat waqt l-interrogazzjoni u l-linja difensjonali waqt il-kawża: l-imputat qal illi huwa ried jirritorna l-cable lil sidu iżda waqt it-trattazzjoni gie sottomess illi l-imputat ma seraq xejn għaliex l-oġġett kien mitluq u ma kienx jidher li huwa ta' xi ħadd. Iżda għall-Qorti ftit jagħmel sens illi wieħed jgħid illi l-intenzjoni tiegħu meta ġabar l-istess oġġett kien illi jirritorna l-istess oġġett lis-sid proprju, u mbagħad jgħid illi l-oġġett kien mitluq għaliex ma kien hemm ebda indikazzjoni li jappartjeni lil xi ħadd. Jekk l-oġġett għall-imputat huwa mitluq, ma fih ebda loġika l-argument li jigi mgħoddi għand il-Pulizija biex jiġi ritornat lil xi ħadd li abbandunah.

Konformement, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-imputat ġenwinament emmen li l-oġġett li ha pussess tiegħu u cioe` l-cable, kien ġie abbandunat jew kien mitluf minn sidu u għalhekk, fil-fehma tagħha m'huwa nieqes la l-element tal-*contrectatio* u lanqas l-element formali

tar-reat ta' serq għaliex l-imputat messu kien jaf, ragjonevolment, illi kien qed jieħu l-ħwejjeg ta' ħaddiehor u mhux xi ħaga abbandunata jew mitlufa jew xi ħaġa li ma tappartjeni lil ħadd.

Ikkunsidrat ukoll;

Illi fir-rigward tas-sottomissjoni tad-difiza illi f'dan il-każ ma jirrizultax ir-reat ta' serq iżda jekk xejn ir-reat kontravvenzjonali kontra l-proprjeta` taħt l-Artikolu 340(c) tal-Kapitolu 9, jinsab ritenut illi meta min isib oġġett f'cirkostanzi illi juru li dak l-oġġett jappartjeni lil xi ħadd, japproprja l-oġġett, ikun hati tar-reat ta' serq u mhux tal-kontravvenzjoni fuq imsemmija.

Kif intqal in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tat-18 ta' Novembru 2001 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Ebejer** li għamlet referenza għall-kawża **Rex vs Giuseppe Scicluna**:-

*"Hu prinċipju minn żmien adottat fil-ġurisprudenza Maltija, illi min jappropija ruħu minn oġġett li jkun sab f'ċirkustanzi tali li juru li dak l-oġġetti għandu sidu u ma ġiex abbandunat, li ma hux, ċjoe' la "res nullius" u lanqas "res derelicta", jikkommetti serq ta' dak l-oġġett. Dan ir-reat ma jikkostitwix il-kontravvenzjoni ta' min isib ħwejjeġ li jkunu naqsu lil xi persuna, jew li din tkun tilfet u ma jgħarrafx bihom fi żmien tliet ijiem lill-Pulizija Eżekuttiva; imma hu reat ta' serq."*

Kif ingħad, l-oġġett in kwistjoni manifestament kien jidher li jappartjeni lil xi ħadd u seta' jigi stabbilit li ma kienx oġġett li xi ħadd kien hallih warajh biż-żball. Għaldaqstant, dan l-argument qed jitqies bħala infondat.

<u>**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**</u>

Stabbilit illi l-imputat għandu jinsab ħati ta' serq kwalifikat bil-valur, stante illi jirrizulta inkontestat illi l-cable minnu misruq kellu valur ta' iktar minn €232.94 iżda inqas minn €2,329.37, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-imputat, li għandu kondotta relattivament nadifa, ikkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija, ammetta mill-ewwel illi l-cable kien fil-pussess tiegħu tant illi rritornah minnufih l-għada li gie hekk mitlub, lis-sidien cioe` Public Broadcasting Services Limited. F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma tqisx illi l-imputat jimmerita piena u hija tal-fehma illi għandu jigi liberat kondizzjonalment anke ħalli jagħraf illi għandu jkompli miexi fit-triq it-tajba u jżomm 'il bogħod minn kwalsiasi forma ta' delinkwenza.

Kien għal dawn il-motivi li wara li rat l-Artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat GIANLUCA CARABOTT ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu iżda bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tqiegħda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ordinarju illi jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kundizzjonata jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, billi ma jirriżultax li ġew maħtura xi esperti f'dawn il-proċeduri.

3. Illi minn din is-sentenza Gianluca CARABOTT interpona appell permezz ta' rikors datat 17 ta' Lulju, 2020 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti biex tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaħ minn kull ħtija u piena. Dan wara li saħaq is-segwenti:

> Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bir-rispett għamlet diversi konklużjonijiet u presunzjonijiet mingħajr bażi fattwali li jirriżulta mill-proċess.
>
> Oġġett mitluq fit-triq mingħajr l-iċken indikazzjoni dwar min huwa s-sid, jew jekk għandux sid li huwa fil-pussess effettiv, hu kemm hu il-valur tiegħu, jibqa' oġġett mitluq fit-triq hekk abbandunat u mingħajr sid apparenti.
>
> Illi kien mill-iktar faċli fiċ-ċirkostanzi attwali tal-każ, li dan il-cable seta jitqies li dan kien oġġett minsi jew mitluf minn sidu, u għalhekk inġabar mill-appellant.

> Illi huma għalhekk nieqsa għal kollox mill-provi tal-Prosekuzzjoni l-elementi basiċi u essenzjali għar-reat ta' serq. L-element ta' "contrectatio invito domini" ma jirriżultax b'ebda mod.
>
> Illi "a tempo vergine" ukoll l-appellant esprima ruġu mall-Pylizija li kien bi ħsiebu jirritorna il-cable. Ma hemm l-ebda konklużjoni negattiva li setgħet bir-rispett tasal għaliha l-Ewwel Qorti mis-sempliċi fatt li fl-istqarrija tiegħu li huwa irrilaxxja xahrejn u nofs wara l-każ, l-appellant kellu memorja għal kollox sbaljata dwar meta irritorna il-cable in kwistjoni. Minflokk kien fatt irribattibli li effettivament irriżulta li l-cable ġir ritornat fi żmien jumejn minn meta nġabar mill-appellant, u dan kien messu iffavorixxa lill-appellant u mhux serva biex b'xi mod ħoloq twemmin ta' l-element intenzjonali għas-serq fl-appellant.
>
> Illi għalhekk ma hemm l-ebda bażi loġiku għall-konklużjonijiet li għalihom waslet l-Ewwel Onorabbli Qorti rigwardanti il-fattispeċi tal-każ.

Fliet l-atti proċesswali kollha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi nhar id-9 ta' Jannar 2019, tliet ħaddiema tal-PBS Ltd : James Cutajar, Marco Farrugia u Clifton Camilleri irrapurtaw illi fil-ġurnata preċdenti, huma marru jinstallaw xi apparat tekniku fil-Knisja ta' San Gaetano, Ħamrun. Huma ipparkjaw il-vann tax-xogħol tagħhom maġenb it-triq u ħarġu xi għodda inkluż *Triax Cable* li kien ser jintuża fl-installazzjoni. Dan tqiegħed taħt il-bankina bejn żewġ karrozzi viċin il-bieb tal-ġenb tal-Knisja minn fejn daħlu l-istess impjegati bit-tir li jintuża fix-xogħolijiet meħtieġa fil-Knisja. Dan il-*cable* tħalla madwar madwar ħames jew sitt metri l-bogħod minn fejn kien il-vann tagħhom.

5. Meta wieħed minnhom mar iġib dal-*cable* dan ma nstabx fejn ħallewh u deher li x'aktarx kien insteraq. Minn filmati li dawn l-impjegati raw minn apparat ta' *CCTV* ta' residenza biswit il-Knisja, irriżulta illi kien hemm raġel li niżel minn vann bin-numru ta' reġistrazzjoni TAZ008 li deher qed jgħabbi dan l-istess *cable* fil-vettura tiegħu. Wara stħarriġ li sar mill-Pulizija irriżulta li dan il-van kien jgħajjat lil Gianluca CARABOTT. Dan ġie msejjaħ sabiex jitkellem mal-Pulizija dwar dan il-każ fl-10 ta' Jannar 2019. Wara li ġie mwissi u ngħata d-drittijiet kollha skond il-liġi hu rrilaxxa stqarrija fejn saħaq li kien ġabar il-*cable* għax ħaseb li xi ħadd ħalliħ warajħ u b'hekk ġabru u għabbieħ fil-vann tiegħu. Hu ma kienx irritornaħ peress illi kien imħabbat fuq ix-xogħol tiegħu u ddikjara li xtaq jirritornaħ. Infatti, l-għada fil-11 ta' Jannar 2019, l-appellant mar l-Għassa u għaddilhom il-*cable* li kien *Triax cable* u li ġie mgħoddi lil Edmond Friggieri għan-nom tas-soċjeta' PBS. Sussegwentement Friggieri pprovda stima tal-*cable* in kwistjoni fl-ammont ta' €1636.92. L-appellant tressaq il-Qorti bl-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat:***

6. Illi bħala Qorti ta' appelli kriminali din il-Qorti ma tbiddelx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta'***

***Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

7. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

8. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

9. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet ta' dik is-sentenza mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

11. In oltre, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti. Dan ġie ukoll ikkonfermat minn ġurisprudenza kopjuża nostrana fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

12. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

13. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

14. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta li taqra l-imħuħ tax-xhieda biex tifhem xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom. Il-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi diretti u indiretti li jkunu nġiebu quddiemha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha in bażi għalihom biss.

15. L-evidenza indiretta, ċjoe dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

16. Il-Liġi penali **<u>ma teħtieġx</u>** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta'

prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

17. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

18. Biss din il-konklużjoni l-Qorti tista' tasal għaliha biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, b'mod li fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti tikkonkludi li tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni.

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

19. Fil-ġurisdizzjoni Maltija sabiex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat il-grad ta' sufficjenza probatorja meħtieġ huwa dak *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ; li filwaqt li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, mill-banda l-oħra huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Illi din it-tifsira insibuha fil-ġurisprudenza Maltija għal għexieren ta' snin. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal

[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer

jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

***Ikkunsidrat: -***

24. Dan huwa każ ta' serq. Id-definizzjoni ta' serq li ġiet adottata mill-ġurisprudenza Maltija hija dik mogħtija mill-Carrara, u li fiha tirrifletti l-elementi kollha tas-serq jiġifieri l-kontrettazzjoni doluża ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwiżit b'mod frawdolenti bil-ħsieb li jagħmel il-qliegħ mir-*res furtiva.*[9]

25. Skond il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu, din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti sabiex persuna mixlija b'serq tkun tista' tiġi misjuba ħatja, jiġifieri:

1. The contrectatio of a thing.
2. belonging to others.
3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. animo lucrandi.

26. It-tifsira tal-*contrectatio* kif mistqarra mill-istess Carrara tqis li s-serq ikun kompletat mal-mument li l-ħalliel ikun qiegħed idu fuq l-effett mobbli li huwa jkun irid jisraq u jkun ċaqlaq dak l-oġġett bil-ħsieb li huwa jneħħieh u jieħdu miegħu lil hemm mill-post fejn kien jinstab u fejn sidu jkun ħallieh.  Il-Professur Mamo jisħaq illi skont din l-interpretazzjoni ta' Carrara li tħadnet minn dawn il-Qrati :

[9] *'La contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro.'*

> Theft is completed and not merely attempted although the thing removed from the palce where the owner left it, is put by the thief in some other place in the same room.[10]

27. Minbarra din id-definizzjoni hemm imbagħad iċ-ċirkostanzi aggravanti s-serq elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni xliet lill-appellant bis-serq kwalifikat bil-valur. Skond l-artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali, jekk il-valur tal-oġġett misruq jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) jitqies li jkun issodisfa dan il-kriterju. Mix-xiehda ta' Edmond Friggieri għan-nom tas-soċjeta' PBS, irriżulta li l-*cable* li allegatament insteraq mill-appellant kien jiswa' 'l fuq minn elf euro u kwindi indubjament jaqa' fil-parametri ta' dan l-aggravju.

28. Iżda l-appellant jikkontendi li huwa ma setgħax jinstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati peress li l-oġġett meritu ta' dan il-każ kien jinsab f'ċirkostanzi li deher li kien abbandunat jew li ma jappartjeni lil ħadd.

29. Din il-Qorti taqbel mad-dottrina u ġurisprudenza assodata kemm lokalment kif ukoll fil-Kontinent li min japproprija ruħu minn *res nullius* jew *res derelictae* ma jintegrax ir-reat ta' serq. Jekk persuna tapproprija ruħha min oġġett li jkun instab f'ċirkostanzi li juru li dak l-oġġett kien abbandunat minn sidu ma tistax titqies li tkun wetqet ir-reat tas-serq.

---

[10] Notes on Criminal Law, Volume 3, paġna 273.

30. Mill-banda l-oħra jekk, fil-mument tal-att t'approprijazzjoni ċ-ċirkostanzi jkunu juru li l-oġġett ikun *res aliena* u għalhekk li jkun hemm persuna li tkun għadha tippossjedi dan l-oġġett f'dak il-mument, allura l-persuna li tapproprija ruħha minn dan l-oġġett mhux tagħha, mingħajr dritt fuqu u mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun tippossjedih, tikkommetti s-serq tal-istess oġġett.

31. Biex l-oġġett ikun jista' jitqies li huwa *res derelictae* dan l-oġġett irid jinstab f'ċirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oġġett jibqa' fil-partimonju tiegħu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli. Jekk minħabba l-post fejn ikun jinstab oġġett jew minħabba l-qagħda u l-kondizzjoni tiegħu, wieħed jista' jifhem li dan l-oġġett ma kienx abbandunat, iżda li jista' jkun hemm xi ħadd li jkun għadu, b'xi mod, jippossjedih jew li għandu l-kontroll fuqu, u persuna li ma jkollhiex jedd għal dak l-oġġett tapproprja ruħha minnu, din tkun passibbli għar-reat tas-serq. Biex din il-persuna tkun tista' teskolpa ruħha mir-responsabbilta għar-reat ta' serq ta' dan l-oġġett, hi trid turi li ċ-ċirkostanzi ġenwinament ġegħluha temmen li l-oġġett li kienet approprijat ruħha minnu kien abbandunat minn sidu jew li kien oġġett ma jappartjeni lil ħadd.

32. Biex oġġett jitqies li jkun abbandunat u li għalhekk ma hu ta' ħadd, irid jintwera li l-oġġett kien ġie abbandunat minn sidu b'mod li ċ-ċirkostanzi jkunu juru li sidu neħħa minn idejh il-pussess tal-oġġett u li jkun irrinunzja għall-jedd ta' sid fuq l-istess oġġett. Jekk dawn iċ-ċirkostanzi ma jirriżultawx allura jkun jista' jikkonfigura r-reat ta'

serq. Dan peress li l-element formali fir-reat tas-serq teħtieġ l-għarfien tal-aġent li jappropija ruħu, ossija jikkontretta dolożament il-proprjeta ta' ħaddieħor. Huwa biss l-iżball ġenwin li jista' jitnissel meta ċ-ċirkostanzi jkunu juru, b'mod ċar u inekwivokabbli li l-oġġett kien abbandunat minn sidu jew li l-oġġett kien jappartjeni lilu, li din l-intenzjoni ma titqiesx integrata. Eżempju li juri meta jista' jkun hemm dan l-iżball ġenwin huwa meta l-oġġett ma jittieħidx bil-moħbi, jew inkella meta dak li jkun ma jippruvax jaħbi li huwa ħa dak l-oġġett.

33.Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Jean Claude Cassar*** dil-Qorti, diversament presjeduta, irriteniet is-segwenti:

> Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali fil-kawza " REX vs.WILLIAM LEATHAM " [1.7.1941] (HARDING J. - "Recent Criminal Cases Annotated" p. 33 et seq.), fejn il-fattispecji kienu kwazi identici ghal dan il-kaz, skond il-gurisprudenza nostrana, kull min jiehu l-pussess ta' oggett li jsib mitluq taht cirkostanzi li jindikaw li dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u li ma kienx gie abbandunat minn sidu , i.e. li ma jkunx res nullius jew res derelicta , ikun hati tar-reat ta' serq. (ara ukoll appelli kriminali "Il-Pulizija vs. Spiteri [22.10.1902]; "Il-Pulizija vs. Filippo Magri " [6.2.1909]; "Rex vs. Williams" [4.11.1941] u ohrajn).
>
> Fil-kaz ta' Leatham, l-akkuzat kien sab kwantita' ta' laned tal-preserve li kienu jiswew aktar minn ghaxar liri mitluqin fuq il-bankina. Kien pero' rrizulta li dawn kien ghadhom kif insterqu minn hanut li kien gie milqut mill-bombi tal-ghadu w dawn il-laned kienu gew identifikati minn sid il-hanut aktar tard bhala dawk li kienu insterqulu. Il-Qorti, in ommagg tal-principju fuq enuncjat, kienet sabitu hati tar-reat ta' serq kwalifikat.[11]

***34.***In oltre skond l-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Patrick Xuereb u John Mary Galea*** din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet illi ***:***

[11] Deċiża mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar it-30 ta' Settembru 2004.

> Hu pacifiku fil-gurisprudenza li min isib oggetti f'post pubbliku f'cirkostanzi tali li wiehed jista` jifhem li dawk l-oggetti mhumiex abbandunati u japproprja ruhu minnhom, jikkommetti serq.[12]

***Ikkunsidrat: -***

35. Illi l-appellant mhux jiċħad li hu filfatt ħa l-*cable* in kwistjoni iżda jisħaq illi dan għamlu bit-tir li jirritornaħ lil sidu billi jieħdu l-Għassa tal-Pulizija meta jkollu ċ-ċans. L-appellant insista li hu ma kellu l-ebda intenzjoni li jisraq l-oġġett in kwistjoni jew li jagħmel xi qliegħ minnu. Jgħid li hu ma laħaqx irritorna dan l-oġġett peress illi kien impenjat u kien ilu jiġri biħ fil-vann tiegħu sakemm eventwalment irritornaħ wara li l-Pulizija bagħtu għaliħ u kelmuħ dwar dan il-każ.

36. Mill-banda l-oħra l-Pulizija waslu li l-persuna li ħadet dan il-*cable* kien l-appellant mhux għax l-appellant mar jikkonsenja dan il-*cable* qabel ma ġie mitkellem minnhom; iżda saru jafu wara li l-kwerelanti kienu irreferew lil Pulizija in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura misjuqa mill-appellant li kienet tidher f'filmat miġbud minn CCTV viċin tal-Knisja ta' San Gaetano fil-Ħamrun. Minn dan il-*footage* allegatament irriżulta li l-appellant deher ħiereġ mill-vann tiegħu, jgħabbi l-*cable* in kwistjoni fil-vettura tiegħu u jitlaq minn fuq il-post minnufiħ. Din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tara dan il-filmat, bħalma lanqas ma jidher li kellha l-Qorti tal-Maġistrati. Iżda jidher li l-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq dak li xehdu li raw l-impjegati tal-PBS minn fuq dan il-*footage*. Dik il-Qorti

[12] Deċiża mill-Imħallef Victor Caruana Colombo nhar il-11 ta' Lulju 1995.

setgħet tagħmel dan in kwantu dan il-filmat kien jippreżenta a *direct view of the action* lil dawk li jkunu rawħ.

37. Fil-fatt fis-sistema proċedurali Anglo-sassoni, u li fuqu l-Liġi proċedurali penali Maltija hija msejsa, il-***Blackstone's Criminal Practice 2019*** għandu dan x'jgħallem fuq dan il-punt:

> The contents of photographs and films on which a party seeks to rely may be proved by the production of the original; or by the production of a copy proved to be an authentic copy; or by the parol evidence of witnesses who have seen the photograph or film. In *Kajala v Noble* (1982) 75 Cr Aoo R 149 Ackner LJ held that the rule, that if an original document is available in a party's hands he must produce it and cannot give secondary evidence of it, was confined to written documents in the strict sense of the term and has no relevance to tapes or films. In *Taylor vs Chief Constable of Cheshire* (1986) 1 All ER 225, a video cassette recording, made by a security camera and showing a person in a shop picking up an item and putting it into his jacket, was played to police officers who identified the person as Taylor. The recording, after it had been returned to the shop, was accidentally erased. Evidence by the officers of what they had seen on the video was held to have been properly admitted, on the ground that what they had seen on the video was no different in principle from the evidence of a bystander who had actually witnessed the incident, and the appeal against conviction was dismissed. The Court of Appeal held that the weight and reliability of the evidence had to be assessed carefully, and because identification was in issue, by reference to the guidelines laid down in *Turnbull* (1977) QB 224, which had to be applied in relation to not only the camera, but also to the visual display unit or recorded copy and the officers. See also Constantinou (1989) Cr App R 74. [13]

38. L-implikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza Ingliża hija importanti ħafna għall-fini ta' dan il-każ inkwantu tammetti l-ammissibbilita bħala evidenza fi proċeduri kriminali :

> just as a video recording of the commision of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position a a witness with a 'direct view of the action' *Taylor vs Chief Constable of Cheshire* (1986) 1 All ER 225[14]

---

[13] Oxford University Press, 2018, para F8.62, paġna 2652.
[14] Oxford University Press, 2018, para F16.11, paġna 2793.

39. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi allura li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tistrieħ fuq ix-xiehda tal-impjegati fir-rigward ta' dak li huma raw fuq il-*video recording* li ġew murija mill-viċini tal-Knisja ta' San Gaetano l-Ħamrun in kwantu dawn l-impjegati setgħu jixhdu dwar dak li huma kienu raw fuq dak ir-*recording* daqslikieku kienu huma stess xhieda tal-event li seħħ, b'*direct view of the action*.

40. Il-fatt li l-appellant ma ċaħadx li hu li ħa dan il-*cable* jikkorobora bis-sħiħ dak li xehdu l-impjegati tal-PBS dwar l-identita' ta' min filfatt ħa l-*cable* mill-post fejn kien tħalla. James Cutajar u Clifton Camilleri, jaqblu dwar id-dinamika tal-preparamenti tax-xogħol li kien meħtieġ minnhom dakinhar, dwar ix-xogħol li kellu jsir u dwar fejn tħalla l-*cable* li naqas mill-post, kif ukoll dwar fejn kien ipparkjat il-vann tax-xogħol tagħhom fl-istess triq ftit aktar il-fuq minn fejn tħalla l-*cable* qabel ma dan il-vann kellhom iċaqalquh. In oltre x-xhieda jgħidu wkoll li dan il-*cable* kien inħareġ barra mill-vann tagħhom - kien tqiegħed bejn zewġ karrozzi oħra - quddiem il-knisja fejn kienu ser jaħdmu. Dawn il-ħaddiema jaqblu wkoll illi bejn il-ħin li huma ħallew il-*cable* barra sakemm huma reġgħu irritornaw sabiex jirtirawh ma kienx għadda ħafna ħin, tant illi skond dak li huma raw minn fuq il-*footage*, kif l-appellant telaq mill-post, James Cutajar ħareġ għall-*cable* iżda ma sabux in kwantu kien għadu kif ġie misruq.[15]

[15] Skond ix-xhieda ta' Clifton Camilleri din kienet kwistjoni ta' ftit sekondi sakemm Cutajar daħal iqabbad extension fuq ġewwa u reġa ħareġ. Ara d-deposizzjoni ta' dan ix-xhud a folio 39 et seq tal-atti proċesswali.

41. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li saru wkoll mill-Qorti tal-Maġistrati, din il-Qorti tqis li dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha. Il-verżjoni tal-fatt rakkuntata mill-appellant mhix verosimili. Għalkemm dan il-cable kien tħalla momentanjament mal-art bejn żewġ karozzi l-appellant seta' faċilment jara li, miċ-ċirkustanzi kif dan il-*cable* kien tħalla, dan ma kienx abbandunat u li kien jappartjeni lil xi ħadd.

42. Inoltre, l-azzjoni tal-appellant kienet waħda li saret bil-ħeffa in kwantu ftit kien għadda ħin bejn li l-*cable* tħalla barra l-vann tal-PBS u t-teħid tiegħu mill-appellant. Dan ukoll juri li kontra l-impressjoni li l-appellant jipprova jagħti fl-istqarrija tiegħu, huwa ma għamel ebda sforz veru biex, fuq il-post - jagħmel verifiki anke jekk preliminari - sabiex jara jekk dan il-*cable* kienx ta' xi ħadd fil-viċinanzi qabel ma huwa ġabru u ħadu miegħu.

43. Għalkemm l-appellant jagħti x'jifhem li huwa ried jirritorna dan il-*cable* lil sidu billi jieħdu fl-Għassa tal-Pulizija, jirriżulta li huwa ma għamilx dan spontanjament. Anzi ħadu wara li għaddew tliet ijiem u wara li kien ġie mitkellem mill-Pulizija.[16] Għalkemm jgħid li kien imħabbat, fil-verita li kieku ried li jieħu dan il-*cable* l-Għassa tal-Pulizija huwa setgħa għamel dan mill-ewwel peress li l-Għassa tal-Pulizija tinsab tefgħa ta' ġebla mill-Knisja tal-Ħamrun. Bħal ma sab il-ħin li joqgħod idur għall-istess triq biex jara jekk kienx hemm xi

[16] Ara wkoll l-NPS a fol 17.

ħadd mal-*cable*, setgħa uża l-istess distanza u ħin biex wara jibqa' sejjer l-Għassa bih. Iżda evidentement ma kienetx din l-intenzjoni vera tiegħu għax dan ma għamlux spontanjament u immedjatament. Jew, jekk kien tant mgħaġġel b'xogħolu, setgħa ċempel l-Għassa jinformahom li kien hemm dan l-oġġett mitluq u li ġabar bl-intiża li jeħodulhom mal-ewwel opportunita disponibbli għalih. Iżda l-anqas dan ma għamel.

44. Iżda apparti minn hekk anke mill-istess stqarrija tal-appellant jirriżulta kemm fil-fatt f'moħħ l-appellant dan il-*cable* ma kienx *res derelictae.* Bil-fatt li jgħid li huwa kellu l-ħsieb li jieħdu l-Għassa biex jiġi restitwit lil sidu ifisser li f'moħħu huwa irrealizza li dan kien għadu jappartjeni lil xi ħadd, kien għadu *res aliena* u b'hekk ma ġiex abbandunat minn sidu. Dan huwa eżatt l-oppost tal-kunċett tar-*res derelictae*.

45. Kwantu għall-*animus lucrandi* il-ġurisprudenza Maltija irriteniet illi l-qliegħ jista' jieħu diversi forom u mhux neċessarjament wieħed li jissarraf fi flus. Dan huwa l-prinċipju li ġie ravviżat fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Anthony Balzan*** deċiż fit-23 ta' Marzu tal-2015 fejn ġie ritenut is-segwenti:

> Il-Qorti qalet li meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji izda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment tal-persuna koncernata izda anke ghal haddiehor inkluz socjetà ta' responsabiltà limitata bhalma hu f'dan il-kaz.[17]

[17] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia.

46.Dan l-appell kien isegwi l-istess insenjament li joħroġ mill-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. John Galea*** tat-30 ta' Jannar 2003 fejn ġie mistqarr kif ġej:

> Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar- reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-CARRARA [op.cit. Vol. IV , para. 2035 :-
>
> "il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."
>
> u l-CRIVELLARI jghid :-
>
> "L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.
>
> Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-
>
> "The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."
>
> u l-MAINO fil-"Commento al Codice Penale" Libro II , Titolo X , para. 1843 jghid :-
>
> "il profitto ...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."
>
> u aktar ' isfel :-
>
> ""...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola , oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro , ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."
>
> Umbaghad il-CASSAZIONE ta' Ruma ukoll irriteniet li :-

"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917 , p..140]

Il-Professur Mamo izid jelabora [op.cit.]

"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent ; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself ( e.g. because he restores the thing ) ...the crime of theft juridically continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases"

Pero ' l-istess awtur ikompli jghid (op. cit. p. 306) li :-

"The "animus lucrandi" is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right , in which case you may have in appropriate circumstances , the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code".[18]

47. Imbagħad il-fatt li l-appellant irritorna l-oġġett lura lill-Pulizija biex dan jiġi ritornat lil sidu – wara tliet ijiem, mhux spontanjament u wara li ġie mitkellem mill-Pulizija - ma jxejjinx il-*mens rea* rikjest. L-appellant kien fil-pussess tal-oġġett in kwistjoni għal ċertu ħin li kien biżżejjed biex jissodisfa l-*animus lucrandi*. Il-fatt li hu rritorna r-*res furtiva* setgħet tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti fir-rigward tal-konsegwenzi tas-sejbien tal-ħtija.

48. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom f'dan il-każ.

---

[18] Deċiża mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

# *Deċide*

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***